# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta' nhar il-Gimgha, 20 ta' Ottubru, 2000.

**Numru 39**

**Citaz. numru** 10/93 DS

Mario Attard
vs
Joseph Vella Bonnici, Manager; Louis A. Farrugia u Mark Miceli Farrugia bhala diretturi in rapprezentanza tal-Express Catering Co. Ltd.

Illum, 20 ta' Ottubru 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-7 ta' Dicembru 1992 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi fid-29 TA' Ottubru 1991, waqt li l-istanti kien jahdem fit-Taormina Kiosk tas-socjeta' konvenuta hu safa mwegga minnhabba sfunzjonament tal-lift fil-post.

Illi b'rizultat ta' dana l-incident l-istanti tilef bicca minn wiehed mis-swaba tal-id xellugija.

Illi ghall-incident u l-konsegwenzjali danni kienu jahtu l-konvenuti billi fil-post tax-xoghol imsemmi kien hemm lift mhux mizmum fi stat tajjeb u

xort'ohra ma qaghdux attenti ghall-inkolumita' tal-haddiema fuq ix-xoghol u billi ma pprovdewx ambjent ghal kollox "safe" ta' xoghol.

Illi l-konvenuti cahdu kull responsabbilita ghall-incident u konsegwenzjali danni meta gew rinfaccati b'talba tal-istanti ghar-risarciment tad-danni.

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenuti, ghar-ragunijiet imsemmija responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li b'rizultat tal-istess sofra l-istanti.

2. Tillikwida d-danni occorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-istanti l-ammont hekk dikjarat bhala dovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

1. Illi id-domandi attrici huma inforndati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-esponenti provdew lift tajjeb u li kien jiffunzjona tajjeb meta gara l-incident.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tas-16 ta' Marzu 1993 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz, u dan bl-assistenza ta' Michael Vella bhala espert tekniku;

Rat il-verbal waqt is-seduta peritali tal-5 ta' April 1995 fejn sar qbil bejn il-partijiet li jinhatar bhala perit mediku l-konsulent Mr. Frederick Zammit Maempel;

Rat id-digriet tallum stess fejn ghal kull bwon fini giet ikkonfermata n-nomina ta' l-imsemmi perit mediku;

Rat ir-relazzjonijiet mahlufa mill-periti gudizzjarji fl-1 ta' Marzu 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li l-attur kien jahdem mas-socjeta` konvenuta fuq bazi *part time* fit-Taormina Kiosk f'Tower Road, tas-Sliema. Fid-29 ta' Ottubru 1991 waqt li kien qieghed jopera *lift* biex inizzel *crates* vojta, spicca bit-tarf tas-saba' tan-nofs tax-xellug imtajjar.

L-attur spjega l-incident hekk:

> "…ghafast l-up button u tela' bix-xoghol; hadt li kelli niehu wara li tellajt il-handle, poggejt container vojt, ghalaqt il-lift u ghafast il-buttuna 'down' u beda niezel meta fin-nofs it-triq iggammja u minn fejn kont stajt nara s-saqaf tal-lift (wara li ftaht it-tieqa tax-shaft tal-lift) u l-cable. Biex stajt nara dan kelli biss nittawwal ftit. Jiena bdejt naghfas l-'up' u 'down' button biex forsi jiccaqlaq, izda wara li ghamiltha xi 5 – 6 darbiet f'daqqa wahda smajt hoss enormi u kien il-lift li nizel f'daqqa. Hassejt mal-hoss tad-damdim, hoss ta' frosta fl-arja – tvenvina. Bdejt nara kollox isir ahmar u ndunajt li qed itir id-demm minn subghajja."

Fir-relazzjoni nsibu spjegazzjoni teknika ta' kif jahdem il-*lift* u kif sehh l-incident in kwistjoni li l-Qorti tqis opportun li jigi riprodott:

"Il-lift in kwistjoni jissejjah tat-tip *dumb waiter* u kwindi ma hux accessibli ghal persuni. Is-sistema tieghu tikkonsisti f'mutur li jopera bl-elettriku li jmexxi *winding drum* permezz ta' habel singlu tal-azzar imdawwar mad-*drum* imsemmi.

L-incident gara ghaliex il-lift iggammja fil-waqt li kien qed jitnizzel u ghalhekk il-habel gie *loose*. Ma kien hemm ebda sistema *back up* u billi l-lift ma wasalx ghad-destinazzjoni tieghu il-mutur baqa' jahdem, dan ikkawza id-*drum* biex iholl kompletament il-habel u jerga jitfghu fid-direzzjoni opposta u b'dan beda jippressa fuq il-habel; billi l-lift baqa' iggamjat il-habel inqata'.

Ir-regolamenti li jirregolaw il-lifts u l-uzu taghhom huma *Factories (Hoists and Lifts)* regulations tal-1964 kif emendati fl-1967 u 1982.

Il-paragrafu 6 tar-regolamenti jaqra:

*Every hoist or lift and every such enclosure .....shall be so constructed as to prevent ...any goods carried in the hoist or lift from being trapped between any part of the hoist or lift and any fixed structure…*

L-iggamjar tal-lift jindika li xi haga impediet il-movment tieghu.

Paragrafu 3 tal-istess regolamenti jaqra;

*Every hoist or lift shall be of good mechanical construction, sound material and adequate strenght and be properly maintained.*

Is-sahha li twasslet mill-lift kienet evidentement in *eccess* tal-ammont li seta jiflah il-habel una volta iggamja u dan zammu milli jitla 'l fuq. Dan seta gie evitat kieku l-lift kellu *Overload Circuit Breaker* li kien jitfih malli dan kien jigri.

Ankorke' l-lift kellu dan l-apparat, ladarba ma hadimx ifisser jindika car nuqqas ta' manutenzjoni tal-apparat kollu tal-lift.

Oltre dan paragrafu 4 ighid:

*…every hoiseway or liftway …. be fitted with gates…*

u paragrafu 5;

*..any such gate..shall be fitted with efficient interlocking or other devices… (to ensure that the) cage or paltform cannot be moved from the landing until the gate is closed.*

Fil-hin tal-incident dan l-*interlocking device* kien nieqes jew mhux effettiv.

Hu ampjament car li l-osservanza ta' dawn ir-regolamenti sewwa kienu jevitaw l-incident in kwistjoni.

Ta' min izid ukoll illi skond il-paragrafu (2) u (3) tal-imsemmija regolamenti hemm obligu kull lift jigi ezaminat kull sitt xhur. Jidher li l-ezami in kwistjoni sar wara li gara l-incident ghalkemm skond dokument esebit fl-atti tal-kawza hemm certifikat li sar ezami fis-16 ta' Ottubru 1991. Dan pero' ma jesonerax lill-konvenuti minhabba dak li intqal qabel"

Kull *employer* huwa obbligat li jipprovdi lill-impjegati tieghu *a safe system of work*. Is-socjeta` konvenuta eccepiet li hija pprovdiet lift tajjeb u li kien jiffunzjona tajjeb meta gara l-incident. Huwa evidenti li lift li filli jahdem u filli ma jahdimx ma jistax jissejjah "lift tajjeb". Issir referenza per ezempju ghax-xiehda ta' Stephanie Zammit dwar l-ilmenti in konnessjoni ma' dan il-*lift* u ghax-xiehda ta' Anthony Tabone prodott mill-konvenuti stess li kkummenta li *"l-lift kien ikun iktar bi hsara milli jahdem"*. Inoltre l-ispjegazzjoni tekniku suriferita turi n-nuqqasijiet ta' l-istess lift. Ghalhekk stante li s-socjeta` konvenuta ma ezercitatx il-prudenza, diligenza u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja mistennija minnha biex tipprevjeni incidenti bhal dak li effettivament gara, u stante li ma tirrizulta l-ebda kontributorjeta` da parti ta' l-attur, is-socjeta` konvenuta ghandha tinzamm responsabbli ghad-danni konsegwenzjali.

L-attur ma ressaq l-ebda talba ghal *damnum emergens* u ghalhekk il-Qorti se tghaddi biex tillikwida l-*lucrum cessans*:

Skond ir-rapport tal-perit mediku, l-attur sofra dizabilita` permanenti fl-ammont ta' sebgha fil-mija (7%). Id-dhul *gross* ta' l-attur fl-1997 (skond l-aktar dokument recenti dwar dhul li gie esebit) kien ta' Lm5260. Ma' din is-somma ghandha tizdied is-somma ta' Lm500 biex taghmel tajjeb ghal zidiet fl-gholi tal-hajja u fl-inflazzjoni, b'kollox ghalhekk Lm5760. Meta wegga' l-attur kellu 34 sena. Il-Qorti tqis gust fic-cirkostanzi ghall-fini ta' komputazzjoni tad-danni, *multiplier* ta' 20 sena. Id-danni jridu ghalhekk jinhadmu hekk:

| | | |
|---|---|---|
| Lm5760 fis-sena ghal 20 sena | = | Lm115,200 |
| Dizabilita` permanenti 7% | = | Lm 8,064 |

Stante li l-incident gara disa' snin ilu, u konsistentement mal-gurisprudenza recenti, ma hu se jsir l-ebda tnaqqis ghal *lump sum payment.*

Ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghandha thallas lill-attur is-somma ta' Lm8064.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li b'rizultat ta' l-istess sofra l-attur,

(2) tillikwida d-danni fl-ammont ta’ Lm8064, u
(3) tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur din is-somma ta’ Lm8064 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine.

Onor. Imhallef
Dr. David Scicluna

D/Registratur